# IS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

It-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ilu kwistjoni ta' importanza ewlenija għall-UE mis-snin tmenin. L-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni fil-livell Ewropew stabbiliet standards minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li ppermettiet lill-Istati Membri jżommu fis-seħħ jew jintroduċu miżuri aktar stretti. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret legalment vinkolanti, u b'hekk il-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà saret qasam saħansitra iktar importanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 91, 114, 115, 151, 153 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Abbażi tal-Artikolu 153 tat-TFUE, l-UE tinkoraġġixxi titjib fuq il-post tax-xogħol permezz tal-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol sabiex tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Għal dan l-għan, jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi fil-livell tal-UE, sabiex b'hekk l-Istati Membri jkollhom il-fakultà li jintroduċu livell ta' protezzjoni ogħla fil-livell nazzjonali. It-Trattat jistipula wkoll li d-direttivi li jiġu adottati m'għandhomx jimponu restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji jew legali b'mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp tal-SMEs.

## IL-KISBIET

### A. L-iżvilupp istituzzjonali

Taħt l-awspiċi tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA), li twaqqfet bit-Trattat ta' Pariġi fl-1951, twettqu diversi programmi ta' riċerka fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-ħtieġa ta' approċċ globali fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol saret iktar evidenti permezz tat-twaqqif tal-KEE bit-Trattat ta' Ruma fl-1957. Il-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà, l-Iġjene u l-Ħarsien tas-Saħħa fix-Xogħol twaqqaf fl-1974 biex jassisti lill-Kummissjoni. Sabiex jiġi kkompletat is-suq uniku Ewropew, kienu meħtieġa rekwiżiti minimi fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan wassal għall-adozzjoni ta' għadd ta' direttivi, bħad-Direttiva 82/605/KEE (li ġiet sostitwita bid-Direttiva 98/24/KE) dwar il-ħarsien mir-riskji marbuta maċ-ċomb metalliku, id-Direttiva 83/477/KEE (emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/148/KE)

dwar l-asbestos, u d-Direttiva 86/188/KEE (emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/10/KE) dwar il-ħsejjes.

**1.** L-Att Uniku Ewropew

L-adozzjoni tal-Att Uniku Ewropew fl-1987, introduċiet is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ewwel darba fit-Trattat KEE f'artikolu li jistabbilixxi rekwiżiti minimi u jippermetti lill-Kunsill jadotta direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol b'maġġoranza kwalifikata. L-għanijiet kienu: it-titjib tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol; l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet fl-ambjent tax-xogħol; l-evitar ta' "dumping soċjali" matul il-progress lejn l-ikkompletar tas-suq intern; u l-prevenzjoni tat-trasferiment ta' kumpaniji f'żoni b'livell ta' protezzjoni aktar baxx sabiex jiksbu vantaġġ kompetittiv. Minkejja li "l-Karta Soċjali" (il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema) tal-1989 ma kinetx legalment vinkolanti, din affermat li "għandha tingħata l-istess importanza lill-aspetti soċjali bħalma tingħata lill-aspetti ekonomiċi" tas-suq uniku.

**2.** Il-kontribut tat-Trattat ta' Amsterdam (1997)

It-Trattat ta' Amsterdam saħħaħ l-istatus tal-kwistjonijiet dwar l-impjieg billi introduċa t-titolu dwar l-impjieg u l-Ftehim Soċjali. Għall-ewwel darba, id-direttivi li jistipulaw standards minimi fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bdew jiġu adottati kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

**3.** Il-kontribut tat-Trattat ta' Lisbona (2007)

It-Trattat ta' Lisbona fih "klawżola soċjali" li teżiġi li l-politiki tal-Unjoni għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni r-rekwiżiti soċjali. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret legalment vinkolanti għall-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE.

**4.** Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017)

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iffirmat mill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament f'Novembru 2017, jistabbilixxi 20 dritt u prinċipju, inkluż id-dritt minqux fl-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema. Il-pilastru huwa pakkett mhux legalment vinkolanti ta' miżuri leġiżlattivi u linji gwida mhux vinkolanti, li għandu l-għan li jippromwovi konverġenza 'l fuq fil-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fl-Unjoni.

**B.** Il-passi ewlenin: Id-Direttivi u l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

**1.** Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE u direttivi individwali

L-Artikolu 137 tat-Trattat ta' Nizza (issa l-Artikolu 153 tat-TFUE) ifforma l-bażi ġuridika għat-titjib tal-ambjent tax-xogħol bl-għan li jkunu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. L-adozzjoni tad-Direttiva Qafas 89/391/KEE, b'attenzjoni partikolari fir-rigward tal-kultura tal-prevenzjoni, kienet pass importanti ħafna. Id-Direttiva pprovdiet għal miżuri preventivi, informazzjoni, konsultazzjoni, parteċipazzjoni bbilanċjata u taħriġ kemm għall-ħaddiema kif ukoll għar-rappreżentanti tagħhom fis-settur pubbliku u f'dak privat.

Id-direttiva qafas mhux biss tifforma l-bażi għal aktar minn 25 direttiva individwali f'oqsma differenti u għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, iżda kellha wkoll impatt fuq atti leġiżlattivi oħra relatati ma' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u aspetti tal-ħin tax-xogħol f'diversi direttivi.

Id-direttivi individwali jinkludu dawn li ġejjin:

— Rekwiżiti ta' sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol (89/654/KEE) u l-għoti ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (92/58/KEE);

— L-użu ta' tagħmir tax-xogħol (89/655/KEE kif emendata bid-Direttiva 2001/45/KE u bid-Direttiva 2009/104/KE); ta' tagħmir ta' protezzjoni personali (89/656/KEE) u xogħol b'tagħmir li għandu display screen (90/270/KEE) u t-tqandil manwali (90/269/KEE);

— Is-setturi**:** il-postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (92/57/KEE); l-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali (permezz tat-tħaffir) (92/91/KEE; 92/104/KEE) u l-bastimenti tas-sajd (93/103/KE);

— Il-gruppi: il-ħaddiema nisa tqal (92/85/KEE) u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol (94/33/KE);

— L-aġenti**:** l-espożizzjoni għal karċinoġeni (90/394/KEE), u d-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (2004/37/KE); l-aġenti kimiċi (id-Direttiva 98/24/KE kif emendata bid-Direttiva 2000/39/KE u bid-Direttiva 2009/161/UE); l-aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (2000/54/KE) u l-protezzjoni kontra radjazzjoni jonizzanti (id-Direttiva 2013/59/Euratom li tirrevoka d-direttivi relatati preċedenti); il-protezzjoni tal-ħaddiema potenzjalment f'riskju mill-atmosferi splussivi (99/92/KE); l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (2002/44/KE), l-istorbju (2003/10/KE), il-kampi elettromanjetiċi (2004/40/KE kif emendata bid-Direttiva 2013/35/UE) u r-radjazzjoni ottika artifiċjali (2006/25/KE);

— Is-sustanzi: allinjament ta' diversi direttivi dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (Direttiva 2014/27/UE).

L-aġġornament tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol huwa proċess kontinwu. L-ewwl lott ta' 13-il sustanzi ġie kopert fi proposta mressqa f'Mejju tal-2016, li finalment ġiet adottata f'Diċembru tal-2017, filwaqt li proposta ulterjuri, imressqa f'Jannar tal-2017, li tirrevedi l-limiti għal seba' sustanzi oħra, attwalment tinsab fin-negozjati tat-trilogu bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari. Waħda mit-talbiet ewlenin tal-Parlament fin-negozjati hija li jiġi stabbilit valur ta' limitu tal-esponiment fuq il-post tax-xogħol għall-egżost tal-magni diżil. It-tielet proposta mressqa f'April tal-2018 tipproponi valuri ta' limitu vinkolanti tal-UE għal ħames sustanzi oħra li jintużaw fil-metallurġija, l-elettroplejtjar, l-estrazzjoni, ir-riċiklaġġ, il-laboratorji u l-kura tas-saħħa.

Il-ftehimiet tas-sħab soċjali konlużi fi ħdan id-Djalogu Soċjali huma alternattiva biex titnieda leġiżlazzjoni soċjali (2.3.7). F'April 2016, il-Kummissjoni pproponiet direttiva

dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd, sabiex jiġi kkonkretizzat il-ftehim milħuq mis-sħab soċjali fl-2013. Madankollu, għaddew aktar minn erba' snin biex jiġi implimentat ftehim simili għas-settur tax-xogħol tal-parrukkiera. Dan kien dovut għal rieżami tal-corpus leġiżlattiv kollu dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħala parti mill-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

**2.** Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li hija bbażata f'Bilbao, ġiet stabbilita fl-1996. L-għan tagħha huwa li trawwem il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-informazzjoni sabiex tippromwovi kultura ta' prevenzjoni tar-riskji. Hija żviluppat pjattaforma bbażata fuq l-internet għal Għodda Interattiva ta' Valutazzjoni tar-Riskji Onlajn (OiRA) li fiha għodod ta' valutazzjoni tar-riskji settorjali tajbin għall-SMEs fil-lingwi kollha, u Dangerous Substances e-tool, (għodda elettronika għas-sustanzi perikolużi) li tipprovdi pariri speċifika għall-kumpaniji dwar sustanzi perikolużi u prodotti kimiċi u dwar l-applikazzjoni ta' prattiki tajbin u miżuri protettivi. Fl-2016, l-EU-OSHA ikkompletat proġett pilota dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mdaħħla fl-età, li nbeda mill-Kummissjoni fuq talba tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, mill-2000 'l hawn, l-Aġenzija organizzat **kampanji ta' sensibilizzazzjoni** annwali bit-titolu "Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu" **dwar diversi suġġetti dwar is-saħħa u s-sigurtà**, li l-aħħar waħda minnhom hi "Il-Postijiet tax-Xogħol Ħielsa mill-Periklu Jiġġestixxu s-Sustanzi Perikolużi". Fl-2015, hi kkompletat reviżjoni ta' inizjattivi ta' suċċess ta' valutazzjoni komparattiva tas-sigurtà u s-saħħa okkupazzjonali.

**C.** L-istrateġiji u l-programmi ta' azzjoni tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Bejn l-1951 u l-1997, ġew stabbiliti programmi ta' riċerka tal-KEFA fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-Aġenda Soċjali Ewropea, li ġiet adottata fis-sena 2000, tat kontribut għal approċċ aktar strateġiku fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-UE. Sussegwentement, l-istrateġija Komunitarja għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-perjodu 2002-2006 adottat approċċ globali għall-benesseri fuq il-post tax-xogħol.

L-istrateġija Komunitarja għall-perjodu 2007-2012 iffokat fuq il-prevenzjoni. L-għan tagħha kien li tikseb tnaqqis kontinwu tal-inċidenti u l-mard okkupazzjonali fl-UE, b'mod partikolari permezz tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali, it-titjib u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u l-implimentazzjoni aħjar ta' dik il-leġiżlazzjoni permezz ta' skambju ta' prattiki tajba, kampanji ta' sensibilizzazzjoni, u informazzjoni u taħriġ aħjar.

F'Ġunju 2014, il-Kummissjoni ppubblikat il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020, li ġie adottat mill-Kunsill f'Marzu tal-2015. Il-qafas għandu l-għan li jindirizza tliet sfidi ewlenin: it-titjib u s-sipmplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli eżistenti, it-tisħiħ tal-prevenzjoni ta' mard relatat max-xogħol inklużi riskji ġodda, u l-konsiderazzjoni tal-forza tax-xogħol li qiegħda tixjieħ. Qed tingħata attenzjoni partikolari rigward il-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u n-negozji ż-żgħar.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ta' sikwit enfasizza l-ħtieġa ta' protezzjoni ottima tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Huwa adotta ħafna riżoluzzjonijiet fejn talab li l-aspetti kollha li jaffettwaw b'mod dirett jew indirett il-benesseri fiżiku jew mentali tal-ħaddiema jkunu koperti bil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Parlament kellu wkoll influwenza sinifikanti fuq direttivi li jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Hu jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha favur it-titjib tal-għoti ta' informazzjoni lill-SMEs. Huwa tal-fehma li x-xogħol irid ikun addattat għall-ħiliet u l-ħtiġijiet tan-nies, u mhux vice versa, u li l-ambjent tax-xogħol għandu jiġi żviluppat b'tali mod li jqis aktar il-bżonnijiet speċjali tal-ħaddiema vulnerabbli. Il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinvestiga r-riskji emerġenti li mhux koperti bil-leġiżlazzjoni attwali, eż. l-espożizzjoni għan-nanopartikuli, l-istress, l-eżawriment, il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol.

B'mod partikolari, huwa kien strumentali biex is-sħab soċjali jadottaw Ftehim Qafas dwar il-prevenzjoni ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fis-settur tal-isptarijiet u l-kura tas-saħħa, li ġie implimentat permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/32/UE. Il-Parlament talab ukoll titjib fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema nisa tqal, kif ukoll dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-mard muskoloskeletali. Talbiet ewlenin oħrajn jinkludu l-istabbiliment ta' direttiva li tistabbilixxi standards minimi għar-rikonoxximent tal-mard okkupazzjonali, u li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Qafas 89 89/391/KEE sabiex jiġu inklużi ċerti gruppi ta' ħaddiema (bħall-forzi armati, il-persuni li jaħdmu għal rashom, il-ħaddiema domestiċi u dawk li jaħdmu mid-dar).

F'Ġunju 2010, il-Parlament irrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi emendata d-direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol tal-ħaddiema mobbli tas-settur tat-trasport bit-triq, minħabba li ma qabilx li l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni rtirat il-proposta tagħha.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015, il-Parlament, b'reazzjoni għall-adozzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' **Qafas dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2014-2020**, esprima d-dispjaċir tiegħu li fil-qafas ma ġiet stabbilita l-ebda mira (bħal pereżempju miri ta' tnaqqis indikattivi għal mard fuq il-post tax-xogħol u l-aċċidenti fuq ix-xogħol). Huwa appella wkoll biex jiġu inklużi miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi iktar konkreti wara r-rieżami ta' nofs it-terminu fl-2016.

Minbarra li jemenda l-leġiżlazzjoni li tiġi proposta, u jissorvelja u jħeġġeġ il-ħidma l-oħra tal-Kummissjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, il-Parlament jindirizza wkoll is-suġġett b'mod li jħares 'il quddiem, billi jeżamina r-riskji ġodda potenzjali assoċjati mal-innovazzjoni teknoloġika u l-bidliet relatati fl-organizzazzjoni tax-xogħol fi ħdan grupp ta' ħidma dwar l-impatti fuq is-suq tax-xogħol tad-diġitalizzazzjoni, tar-robotika u tal-intelliġenza artifiċjali, imwaqqaf mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) f'Ottubru 2015.

Aoife Kennedy
10/2018